MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru 1308/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**TONY BALZAN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tony Balzan ta’ 46 sena, iben il-mejjet Emanuel u Lucia nee’ Falzon, imwieled Sydney, l-Awstralja fis-17 ta’ Novembru, 1963, residenti fil-fond numru 12, ‘Ave Maria’, Triq Patist Borda, l-Kalkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0628182(M).

A. Illi huwa akkuzat talli, nhar it-28 ta’ Settembru 2009, ghal habta tal-5:30 ta’ filghaxija, filwaqt li kien fi Triq *ommissis*, gewwa *ommissis*, ikkorrompa lil *Ommissis A* minn *ommissis*, liema persuna hi taht l-eta’ u ta’ l-istess sess;

B. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wettaq attentat ghall-pudur ta' *Ommissis A* minn *ommissis*;

C. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

D. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Kuntistabbli mara tal-Pulizija 210 Tania Mangion u ufficcjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

E. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Bormla, ma obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

F. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Bormla, volontarjament, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hi mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.6) fil-verbal datat 25 ta' Marzu, 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti spece ta’ dan il-kaz huwa, fis-sens illi, l-imputat kien qabad tfajjel ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena minn wara u messlu l-partijiet genitali tieghu minn fuq il-hwejjeg.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Tony Balzan**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 203, 207, 209, 96, 338(dd), 338(ee) u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkudanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal erba’ (4) snin.**

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-minuri kien guvni ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena illi l-atti di libidini kienu de minimis stante illi kienu jikkonsistu fil-mess tal-partijiet genitali tal-minuri minn fuq il-hwejjeg ghal ftit sekondi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------